**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TNEJN U GĦOXRIN**
**21 ta' DIĊEMBRU, 2016**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, s-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia u s-Sur David Abdilla.

**ASSENTI**

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia u s-Sur Dino Bonnici, minħabba safar u xogħol rispettivament. Ittra mehmuża **Dok 1.**

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **22.1** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 22.1.1 | | Fir-rigward ta' punt 21.6.7 il-Kunsillier Joseph D'Amato stieden lill-Kunsilliera biex jattendu u jxandru l-kelma fuq il-kunċert mill-Orkestra taż-Żurrieq, li ser isir fit-28 ta' Diċembru, 2016 fil-kappella ta' San Gakbu. Wara l-kunċert ser ikun hemm bibita żgħira għal dawk preżenti. |
| | | |
| 22.1.2 | | Ġew approvati l-minuti tal-wieħed u għoxrin –il seduta. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***22.2*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA U TAL-KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| | | |
| 22.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 30 u tal-laqgħa annwali ta' Bubaqra. |
| | | |
| 22.2.2 | | Ġew approvati l-minuti numru 20 u 21 tal-Kunsill Lokali żgħażagħ. Is-Sur Kaydem Schembri qal li l-attivita' tat-tfal mal-ġenituri, li ser jorganizzaw fit-28 ta' Jannar, 2017 ser tkun fiċ-cinema tal-Fgura u l-prezz ser ikun ta' 6Euro għal dawk ta' bejn 5 u 11 –il sena u 9Euro għal dawk 'il fuq minn 12 –il sena. Dawn jinkludu l-film, popcorn u drink u trasport.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 22.2.3 | | B'referenza għal iskema tal-WEE li l-Kunsill kien irċieva u ma aċċettax li joffri s-servizz ta' ġbir ta' oġġetti żgħar fil-Kunsill, il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu ra l-kaxxi li qed jintużaw u ssuġġerixxa li l-Kunsill jerġa jirrevedi d-deċiżjoni li ħa. Kien hemm qbil li din il-kaxxa titpoġġa fil-garaxx tal-uffiċċju tal-Kunsill. |
| | | |
| ***22.3*** | | ***APPROVAZZJONI tal-minuti tar-Reġjun Nofsinhar*** |
| | | |
| 22.3.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jiġu approvati. |
| | | |
| | | |
| ***22.4*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 22.4.1 | | Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija fejn tkellmu fuq il-parti tal-għassa li kienet ġiet restorata imma għadha ma ġietx miftuħa biex tintuża u fuq it-talba li għamel il-Kunsill biex titpoġġa il-magna tad-defibrilator u li l-għassa ma aċċettatx. Is-Sindku qal li kien hemm qbil mill-Kummissarju, li jaċċetta d-*defibrilator machine* bil-patt li jkunu t-tobba biss li jkollhom iċ-ċavetta tal-magna u jużawha.<br>Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li mhux it-tobba biss jafu jużaw din il-magna, imma anke ċertu nies li tħarġu apposta biex jużawha, għalhekk f'każ ta' emerġenza dawk li jafu jużawha għandhom ikollhom aċċess għaliha.<br>Kien hemm qbil li għalissa jkunu t-tobba li jkollhom ċavetta tagħha. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li tabib miż-Żurrieq offra li jagħmel il-kaxxa fejn titpoġġa d-*defibrilator*. Is-Sindku qal li ser ikellem lit-tabib hu, biex jisponsorja tali kaxxa ħalli titwaħħal f'qasir żmien. |
| | | |
| 22.4.2 | | Is-Sindku qal li l-ġimgħa li għaddiet saret l-attivita' tal-Milied għall-anzjani, li din id-darba kienet ikla buffett u *entertainment,* fil-ħanut 'Ta' Marija Restaurant' fil-Mosta. Hu qal li dawk li attendew kienu sodisfatti.<br>Is-Sindku ppropona li nhar il-Ħadd 29 ta' Jannar, 2017 tiġi organizzata attivita' oħra għall-anzjani li tkun tikkonsisti f'quddiesa fil-Mosta u wara *lunch* fis-Soreda Hotel. L-anzjani jħallsu għall-ikla bit-trasport b'kollox. |
| | | |
| 22.4.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ressqet it-talba ta' żgħażagħ li xtaqu li jorganizzaw *car wash day* fiż-Żurrieq. Kien hemm qbil li l-Kunsill jaċċetta l-attivita' u li din issir fi Triq Wied Babu mas-*service road* biex ma ttellifx it-traffiku u ma iddejjaqx lir-residenti.<br><br>F'dan il-ħin il-Kunsillier Kenneth Farrugia ħareġ mis-seduta (ħin 18:20) |
| | | |
| ***22.5*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 22.5.1 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia staqsa jekk saritx il-laqgħa ma' Camray Ltd fuq il-manutenzjoni ta' Ħal Millieri. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tali laqgħa ser issir f'Jannar. |
| | | |
| ***22.6*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 22.6.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li llum hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv (fuq qbil unanimu tal-Kunsill) attendew għal-laqgħa mad-Direttur tal-Kunsilli Lokali s-Sur Adrian Mifsud, fejn kien hemm preżenti ukoll is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi. Din il-laqgħa kien hemm qbil li ssir minħabba li l-Kunsill Ħal Safi spostja għat-tielet darba, t-tabella ta' Merħba Żurrieq, minn fejn poġġieha l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, għal fejn il-kappella ta' Sant Andrija.<br><br>Iż-żewġ partijiet ma qablux fuq il-konfini u fuq fejn kellhom jitwaħħlu t-tabelli ta' Merħba, taż-żewġ irħula. Id-Direttur ta l-veduti tiegħu u għamel żewġ proposti li għat-tnejn li huma r-rappreżentanti tal-Kunsill Lokali Ħal Safi ma aċċettawx.<br>Dawn kienu: |

| | | |
|---|---|---|
| | | 1. li ż-żewġ tabelli jitwaħħlu dahar ma' dahar u<br>2. li jitneħħew iż-żewġ tabelli kompletament<br><br>Meta d-Direttur ra li ma kienx ser ikun hemm qbil, iddeċieda li jitlob il-parir tal-Avukat Ġenerali li jaqta' l-każ hu. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jħoss li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq għandu jistenna l-eżitu tal-Avukat Ġenerali u ma jerġgħax iċaqlaq it-tabella.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 22.6.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu, flimkien mal-Kunsillier David Abdilla u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-laqgħa li l-Kunsill kellu mas-Sur Michael Cohen u Silvio Scerri fil-Ministeru għat-trasport (wara li l-Kunsill kien kiteb ittra lill-Onorevoli Prim Ministru).<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ġew diskussi Triq Ħal Far u Vjal l-Indipendenza u Vjal ix-Xarolla.<br>Il-Kunsill ġie nfurmat li Trasport Malta applikat biex tieġu fondi sabiex isir wiċċ ġdid fi Triq Ħal Far mill-fondi Ewropej. Fuq it-twessiegħ ta' Vjal l-Indipendenza, il-Kunsill kien infurmat lid an hu każ diffiċli biex ikun solvut u fuq Vjal ix-Xarolla ser tinġieb aktar informazzjoni għaliex ix-xogħol jinsab wieqaf.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li :<br>• l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Onorevoli Ian Borg li hu inkarigat mill-fondi tal-Eworopa biex ikompli jagħmel pressjoni biex Triq Ħal Far issir.<br>• Biex il-Kunsill jerġa jikteb lis-Sur Cohen u jistaqsi fuq tweġiba għaliex ix-xogħol ta' Vjal ix-Xarolla jinsab wieqaf.<br>• Il-Kunsill japplika għal-fondi mill-Ewropa fuq wiċċ għall-partijiet li għadhom ma sarux, fi Triq Ta' B'Xejn u Triq tal-Massar. Qabel għandhom jintalbu stimi mingħand il-perit tal-Kunsill.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan kollu.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waqt il-laqgħa ssemmiet ukoll l-ilqugħ li l-Kunsill irid jagħmel lill-*bus shelter* fi Vjal il-Blue Grotto u li għalih kien hemm ilment saħansitra anke għand il-Prim Ministru. Il-Kunsill kellu l-approvazzjoni tas-Sur Silvio Scerri biex jagħmel ilqugħ tal-ogħli tal-*bus shelter(*parti mil-bus shelter ikun magħluq bil-perspex) biex iservi ta' ilqugħ għax-xita u l-ilma tat-triq.<br>Kien hemm qbil li tinġib stima, titressaq permezz ta' email lill-Kunsilliera kollha u jiġi ordnat ix-xogħol biex jibda jservi minn din ix-xitwa. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| 22.6.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-Kap tal-Iskola primarja San Benedittur fiż-Żurrieq fejn talbu klassi u karma oħra biex il-Kunsill ikun jista' jużha għall-kunċerti u laqgħat tal-Kunsill. Din il-klassi kienet tintuża bħala laboratorju u bħalissa tinsab fi stat ta' abbandun u mhux tintuża.<br>Il-klassi tenħtieġ li jinbidlilha l-madum kollu, jsirilha d-dawl meħtieġ u tibjida.<br>Il-Kap tal-iskola illum ta risposta lis-Sindku li l-iskola kienet lesta li toffri b'kirja din il-klassi u kamra oħra jissakkru, għal-kirja ta' 350Euro fis-sena, bil-patt li l-Kunsill jidħol għall-ispejjeż kollha ta' manutenzjoni u li l-iskola tkun tista tagħmel użu minnha, hi ukoll fejn ikun hemm il-ħtieġa.<br>Il-Kunsill qabel ma dan il-ftehim u li l-kirja għandha tkun għal 5 snin u li għall-ewwel sena, l-Kunsill iħallas għall-ispejjeż tal-madum u t-tqegħied tiegħu, għall-komunikazzjoni tal-elettriku u għaż-żebgħa. Il-ħlas ta' 350Euro jibda jitħallas mit-tieni sena.<br>Kien hemm qbil li jsir kuntratt bin-Nutar Jean Pierre Attard, wara li tinġieb l-approvazzjoni tal-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. |
| | | |
| 22.6.4 | | Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li hu attenda għal-laqgħa mal-Awtorita' tal-Ippjanar fejn ġew diskussi dawn:<br>• Il-fondi tal-UIF mis-sena 2019 mhux ser jibqgħu ristretti kif għandhom jintużaw, imma l-Kunsilli Lokali ser ikollhom dritt li juzawhom kif iridu huma bis-sistema 70% UIF u 30% fond ital-Kunsill.<br>• Skema ta' restawr tal-faċċati residenzjali fil-core tal-irħula – din l-iskema ser tiftaħ f'Jannar 2017 u dawk li ser japplikaw ser ikunu rifondati kull spiża li jkollhom, inkluż il-perit tal-Kunsill. Aktar informazzjoni ser toħroġ sal-bidu ta' Jannar. |
| | | |
| ***22.7*** | | ***Bye Law – Tabelli*** |
| | | |
| 22.7.1 | | Kien hemm qbil li l-Kunsilliera Joseph D'Amato, Jean Pierre Attard u Tiffany Ann Farrugia (għad trid tintalab jekk taċċettax) jkunu parti minn kumitat biex jiddiskutu l-bye law tat-tabelli. L-ewwel laqgħa ser issir fil-bidu ta' Jannar u f'seduta oħra jkun mitkellem dak diskuss.<br>Sadanittant jibqa' kollox kif inhu. |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***22.8*** | | ***Sular ġdid fuq l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali*** |
| | | |
| 22.8.1 | | Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob parir tal-Perit jekk il-permess tal-bini joħroġx li, l-binja l-ġdida tkun irtirata 'l ġewwa jew tkunx tibda minn fejn tinsab l-opramorta preżentament.<br>Dan l-item għandu jerġgħa jitressaq fis-seduta li jmiss. |
| | | |
| | | |
| ***22.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 22.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' **€80,174.13**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Pierre Farrugia.<br><br>F'dan il-punt daħal għas-seduta l-Kunsillier David Abdilla 19:15. |
| | | |
| ***22.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 22.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-19:30. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 25ta' Jannar, 2017 fis-6.00 ta' filgħaxija. |
| | | |
| | | |

Konfermati, illum 25 ta' Jannar, 2017.

IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

IFFIRMATA

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**